**PARLAMENT TA' MALTA**

**AĠENDA**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

SEDUTA NUMRU 237

It-Tlieta, 30 ta' April, 2024 fl-4:00 p.m.

**MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI**

* **17475. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14317, fejn intqal:
"Infurmat li l-Aġenzija Identità tinvestiga kwalunkwe rapport li jidħlilha.
Infurmat ukoll li t-Taqsima tal-Compliance twaqqfet reċentement fi ħdan din l-Aġenzija, u matul is-sena 2023 fetħet 197 investigazzjoni li minnhom 122 huma magħluqa",
jista' l-Ministru jgħid xi jfisser li investigazzjoni tkun ingħalqet?

15/03/2024

* **17476. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14317, fejn intqal:
"Infurmat li l-Aġenzija Identità tinvestiga kwalunkwe rapport li jidħlilha.
Infurmat ukoll li t-Taqsima tal-Compliance twaqqfet reċentement fi ħdan din l-Aġenzija, u matul is-sena 2023 fetħet 197 investigazzjoni li minnhom 122 huma magħluqa",
jista' l-Ministru jgħid x'passi ttieħdu wara li investigazzjoni tkun ingħalqet?

15/03/2024

* **17477. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14317, fejn intqal:
"Infurmat li l-Aġenzija Identità tinvestiga kwalunkwe rapport li jidħlilha.
Infurmat ukoll li t-Taqsima tal-Compliance twaqqfet reċentement fi ħdan din l-Aġenzija, u matul is-sena 2023 fetħet 197 investigazzjoni li minnhom 122 huma magħluqa",
jista' l-Ministru jgħid kemm minn dawn il-każijiet ġew irrapurtati lill-pulizija jew entitajiet oħra? Jista' jgħid ukoll liema kienu dawn l-entitajiet f'numri f'persentaġġi minn dawn il-122 każ magħluq?

15/03/2024

***	17478.	L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol

B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14317, fejn intqal:
“Infurmat li l-Aġenzija Identità tinvestiga kwalunkwe rapport li jidħlilha.
Infurmat ukoll li t-Taqsima tal-Compliance twaqqfet reċentement fi ħdan din l-Aġenzija, u matul is-sena 2023 fetħet 197 investigazzjoni li minnhom 122 huma magħluqa”,
jista’ l-Ministru jgħid x’miżuri ttieħdu biex dawn l-immigranti jkunu protetti, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li l-visa tagħhom tkun marbuta ma’ employers li jista’ jkun qed jisfruttahom?

15/03/2024

***	17479.	L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol

B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14317, fejn intqal:
“Infurmat li l-Aġenzija Identità tinvestiga kwalunkwe rapport li jidħlilha.
Infurmat ukoll li t-Taqsima tal-Compliance twaqqfet reċentement fi ħdan din l-Aġenzija, u matul is-sena 2023 fetħet 197 investigazzjoni li minnhom 122 huma magħluqa”,
jista’ l-Ministru jgħid kemm kien hemm sidien ta’ kerrejja li ffaċċjaw xi tip ta’ konsegwenza għax inqabdu jakkomodaw għexieren ta’ immigranti fl-istess appartament?

15/03/2024

***	17480.	L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol

B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14317, fejn intqal:
“Infurmat li l-Aġenzija Identità tinvestiga kwalunkwe rapport li jidħlilha.
Infurmat ukoll li t-Taqsima tal-Compliance twaqqfet reċentement fi ħdan din l-Aġenzija, u matul is-sena 2023 fetħet 197 investigazzjoni li minnhom 122 huma magħluqa”,
jista’ l-Ministru jgħid kemm inqabdu persuni jħaddmu illegalment immigranti minn pajjiżi terzi fl-2023?

15/03/2024

***	17886.	L-ONOR. DARREN CARABOTT	staqsa lill-**
Ministru għall-Finanzi

Jista’ l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta’ flus li ntefqu fuq artikli u opinjonijiet fuq online portals mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x’kienu d-dati li fihom ixxandru dawn l-artikli, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-online portal li l-Ministeru xtara l-artiklu? Jista’ jindika wkoll liema minn dawn kienu intervisti jew rapporti?

02/04/2024

***	17887.	L-ONOR. DARREN CARABOTT	staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista’ l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta’ flus li ntefqu fuq artikli u opinjonijiet fuq online portals mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x’kienu d-dati li fihom ixxandru dawn l-artikli, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-online portal li l-Ministeru xtara l-artiklu? Jista’ jindika wkoll liema minn dawn kienu intervisti jew rapporti?

02/04/2024

* 17888. **L-ONOR. DARREN CARABOTT** **staqsa lill-**
Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali

Jista’ l-Ministru jjgħid kemm kienu l-ammonti ta’ flus li ntefqu fuq artikli u opinjonijiet fuq online portals mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x’kienu d-dati li fihom ixxandru dawn l-artikli, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-online portal li l-Ministeru xtara l-artiklu? Jista’ jindika wkoll liema minn dawn kienu intervisti jew rapporti?

02/04/2024

*** 17889. L-ONOR. DARREN CARABOTT** **staqsa lill-**
Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Jista’ l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta’ flus li ntefqu fuq artikli u opinjonijiet fuq online portals mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x’kienu d-dati li fihom ixxandru dawn l-artikli, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-online portal li l-Ministeru xtara l-artiklu? Jista’ jindika wkoll liema minn dawn kienu intervisti jew rapporti?

02/04/2024

*** 17890. L-ONOR. DARREN CARABOTT** **staqsa lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista’ l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta’ flus li ntefqu fuq artikli u opinjonijiet fuq online portals mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x’kienu d-dati li fihom ixxandru dawn l-artikli, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-online portal li l-Ministeru xtara l-artiklu? Jista’ jindika wkoll liema minn dawn kienu intervisti jew rapporti?

02/04/2024

*** 17891. L-ONOR. DARREN CARABOTT** **staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Jista’ l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta’ flus li ntefqu fuq artikli u opinjonijiet fuq online portals mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x’kienu d-dati li fihom ixxandru dawn l-artikli, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-online portal li l-Ministeru xtara l-artiklu? Jista’ jindika wkoll liema minn dawn kienu intervisti jew rapporti?

02/04/2024

*** 18535. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** **staqsa lill-**
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Jista’ l-Ministru jgħid x’direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru tiegħu matul is-sena 2024 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

17/04/2024

*** 18536. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** **staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Jista’ l-Ministru jgħid x’direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru tiegħu matul is-sena 2024 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

17/04/2024

* 18537. **L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

Tista' l-Ministru tgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru tagħha matul is-sena 2024 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

17/04/2024

* 18538. **L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru tiegħu matul is-sena 2024 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

17/04/2024

* 18539. **L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI staqsa lill-**
Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ

Jista' l-Ministru jgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru tiegħu matul is-sena 2024 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

17/04/2024

* 18540. **L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI staqsa lill-**
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Jista' l-Ministru jgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru tiegħu matul is-sena 2024 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

17/04/2024

* 18641. **L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG staqsa lill-**
Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali

Jista' l-Ministru jgħid x'passi qed tieħu l-Awtorità tal-Artijiet biex tara li l-kundizzjonijiet li huma marbuta mal-encroachment permits ikunu osservati, fosthom li passaġġi pubbliċi jibqgħu aċċessibbli?

18/04/2024

* 18642. **L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol

Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm uffiċjali fi ħdan l-Environmental Protection Unit (EPU) f'Malta u kemm hemm f'Għawdex?

18/04/2024

* 18643. **L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol

Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew imħarrka persuni li nqabdu jħammġu jew iħallu skart barra mill-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma lokalità lokalità?

18/04/2024

*	**18652.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi

Jista' l-Ministru jgħid jekk issirx differenza fit-trattament ta' każijiet fejn jidħlu titoli ta' kera u ċens tal-artijiet industrijali u proprjetajiet oħra industrijali u użati għal skop ta' kummerċ, amministrati mill-INDIS (u mill-Gvern)? Jista' l-Ministru jgħid jekk l-INDIS għandhiex policy miktuba ta' kif għandha timxi fir-rigward ta' kif u liema proprjetajiet ikunu b'ċens u liema għandhom ikunu b'kera u skont liema kriterji?

19/04/2024

*	**18653.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi

Jista' l-Ministru jgħid jekk l-INDIS għandhiex policy miktuba dwar kif tittratta proprjetajiet li l-investimenti fuqhom ikunu bbenefikaw minn fondi Ewropej u/jew tal-Gvern, jekk dawn il-proprjetajiet jiġux trattati b'mod differenti fil-politika tal-INDIS, u jekk fl-affermattiv kif jiġu ttrattati b'mod differenti?

19/04/2024

*	**18668.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat

Tista' l-Ministru tgħid x'inhuma l-għanijiet tal-Fondazzjoni Marigold?

19/04/2024

*	**18669.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat

Tista' l-Ministru telenka x-xogħol li sar mill-Fondazzjoni Marigold matul is-sena 2023?

19/04/2024

*	**18670.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat

Tista' l-Ministru tgħid kemm irċeviet donazzjonijiet il-Fondazzjoni Marigold matul is-sena 2023 u mingħand min?

19/04/2024

*	**18671.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat

Tista' l-Ministru tgħid kemm nefqet flus il-Fondazzjoni Marigold matul is-sena 2023 u fiex jikkonsistu dawn l-ispejjeż?

19/04/2024

*	**18674.	L-ONOR. GRAZIELLA GALEA	staqsiet lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 18061, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jgħid kemm hemm studenti li għandhom id-Down Syndrome separatament għal kull livell ta' edukazzjoni (skejjel primarji, medji/sekondarji eċċ)? Jista' jaqsam din l-informazzjoni skont jekk l-iskejjel humiex tal-Istat, tal-Knisja jew tal-privat?

19/04/2024

***     18688.   L-ONOR. CHRIS SAID                    staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16498, jista' l-Ministru jgħid għaliex Triq Ġużeppi Cauchi f'Għajnsielem li nfetħet ftit taż-żmien ilu għadha bis-sinjali tad-dead end f'kull tarf tagħha meta issa suppost li hija triq passaġġa u li tinfed min-naħa għall-oħra? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx xi raġuni għaliex din it-triq pubblika qed tiġi ostakolata mil-liberu aċċess għall-pubbliku? Jista' jgħid ukoll x'qed iżomm biex f'din it-triq jiġu mgħoddija s-servizzi irrispettivament mill-proċess ta' esproprjazzjoni?

22/04/2024

***     18689.   L-ONOR. CHRIS SAID                    staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13127, fejn ġie mwieġeb li ' Il-Ministeru talab lill-periti nkarigati sabiex sal-aħħar ta' din is-sena jippreżentaw il-pjanti preliminari ħalli wara l-analiżi nkunu nistgħu noħorġu t-tender għax-xogħlijiet tat-tali triq', jista' l-Ministru jgħid jekk dawn il-pjanti preliminari ġewx ippreżentati u saritx l-analiżi? Jista' jgħid fiex wasal ix-xogħol fuq Triq it-Tiġrija u Triq il-Qala, fin-Nadur? Jista' jgħid jekk ħarġux xi tenders oħra u liema minnhom ġew awarded? Jista' jgħid ukoll kemm hu l-vot għax-xogħol fuq dawn it-toroq għas-sena 2024?

22/04/2024

***     18690.   L-ONOR. CHRIS SAID                    staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5760, peress li f'din it-tweġiba jingħad "li matul dawn is-snin tħejjew il-permessi neċessarji biex isir it-tindif tal-widien. Fl-ewwel kwart ta' din is-sena se jkunu qed jinħarġu s-sejħiet għall-offerti għat-tindif ta' 12-il wied madwar Għawdex. It-tindif ta' dawn il-widien għandhom allokat kofinanzjament tas-somma ta' €2,316,736.00, li minnhom 80% huma ffinanzjati minn fondi Ewropej filwaqt li l-20% l-oħra huma ffinanzjati minn fondi nazzjonali", jista' l-Ministru jgħid jekk inħarġux is-sejħiet għall-offerti fl-ewwel kwart tas-sena 2022? Jekk iva, jista' jgħid meta ħarġu u meta ġew awarded kif ukoll meta nbeda u tlesta x-xogħol kollu mitlub mis-sejħiet?

22/04/2024

***     18691.   L-ONOR. CHRIS SAID                    staqsa lill-**
Ministru għall-Finanzi

Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm diretturi fil-bord tal-Air Malta kull sena mis-sena 2014 sal-aħħar ta' Marzu 2024, maqsuma sena b'sena u x'kienet ir-remunerazzjoni ta' kull wieħed?

22/04/2024

***     18692.   L-ONOR. CHRIS SAID                    staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22727 tat-13-il Leġiżlatura, li ngħatat fis-16 ta' Novembru 2021, jista' l-Ministru jgħid fiex wasal ix-xogħol fil-Ġnien Ulysses Grove fix-Xewkija, Għawdex, peress li dan issemma f'diversi baġits ta' dan il-Gvern iżda issa jidher li x-xogħol fuqu waqaf u ma reġax issemma? Jista' jgħid ukoll jekk ix-xogħol tkompliex f'dawn l-aħħar sena u nofs, x'tip ta' xogħol sar u meta hu maħsub li jkun lest (xahar u sena) u jibda jitgawda mill-pubbliku?

22/04/2024

***    18693.    L-ONOR. CHRIS SAID    staqsa lill-**
Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12537 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol u li issa ġiet riferuta lilu u jgħid kemm persuni ġew impjegati mal-Gvern, mal-kumpaniji parastatali u aġenziji tal-Gvern permezz tal-kumpaniji privati mis-sena 2013 sas-sena 2017, mis-sena 2017 sal-2022, u mill-aħħar elezzjoni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/04/2024

***    18717.    L-ONOR. STANLEY ZAMMIT    staqsa lill-**
Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Jista' l-Ministru jippreżenta lista u pjanti tat-toroq u żoni li huma affetwati bid-direttiva ta' SEVESO III fil-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/04/2024

***    18718.    L-ONOR. STANLEY ZAMMIT    staqsa lill-**
Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 17643, 17732 u 18215 u jgħid x'kien it-titolu li kellu l-privat fuq art tal-Gvern li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, li kienet u għadha qed tintuża bħala campsite u/jew min kellu l-pussess tal-art bejn l-2004 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-file sħiħ tal-art inkwistjoni?

22/04/2024

***    18719.    L-ONOR. STANLEY ZAMMIT    staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18214 u jippreżenta pjanta tat-traffic management għall-inħawi wara li jkun tlesta l-proġett ta' żvilupp residenzjali bi tliet sulari taħt il-livell tat-triq għal parkeġġi b'aċċess għal karozzi minn Triq Għar Dalam, Triq Bourlemaque u Triq F.M. Ferretti fil-Qajjenza, Birżebbuġa (PA/02901/16) u jikkonferma li toroq illi ġew imkissra jew imneħħija waqt il-proġett u li kienu jagħtu aċċess lill-pubbliku ġenerali u għall-proprjetajiet privati ta' terzi ser jerġgħu jiġu mibnija u aċċessibbli, min ser iħallas għal dawn ix-xogħlijiet u meta ser jitlestew?

22/04/2024

***    18720.    L-ONOR. STANLEY ZAMMIT    staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18213 u jgħid kemm hemm applikazzjonijiet għal warrant li għadhom pendenti quddiem il-Bord tal-Inġiniera?

22/04/2024

***    18721.    L-ONOR. STANLEY ZAMMIT    staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7761 fejn intqal li dwar il-permess bin-numru PA867/20, l-Awtorità tal-Ippjanar ħadet konjizzjoni tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, jista' l-Ministru jelenka l-azzjonijiet li ttieħdu mill-Awtorità u/jew mis-sid mit-18 ta' April 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari sabiex dan l-iżvilupp li ma kienx kopert b'permess ta' żvilupp jiġi konformi?

22/04/2024

***	18722.	L-ONOR. STANLEY ZAMMIT	staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2096 fejn ġiet ippreżentata lista ta' Avviżi biex Tieqaf u ta' Twettieq relatati ma' strutturi li mhumiex skont il-permess maħruġin mill-2013 sal-2021 f'Ħal Għaxaq, il-Gudja u Marsaxlokk, jista' l-Ministru jelenka l-azzjonijiet, f'kull każ, li ttieħdu mill-Awtorità u/jew mis-sid mit-3 ta' Ottubru 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, sabiex l-iżvilupp ikkonċernat jiġi konformi?

22/04/2024

***	18735.	L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT	staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18372 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni u jgħid jekk is-sistema l-ġdida li tirregola l-proċess meta jkun hemm appell dwar xogħol ta' kostruzzjoni li kien ħabbar il-Prim Ministru fid-19 ta' Settembru 2023, u li kellha twassal biex ix-xogħol ta' kostruzzjoni jiġi sospiż sakemm jgħaddi l-proċess kollu tal-appell, daħlitx fis-seħħ? Jekk iva, meta u b'liema mod u għal liema appelli tapplika?

22/04/2024

***	18736.	L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18374 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17676, jista' l-Ministru jgħid fiex wasal ix-xogħol fir-rigward tal-applikazzjoni PA/03759/19 Site at Ghajn Razul, San Pawl il-Bahar (Veċċja, Xemxija) – Proposed re-construction of pier? Jista' jgħid ukoll meta hu ppjanat li jitlesta dan ix-xogħol?

22/04/2024

***	18743.	L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT	staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra pjanta ta' kif inhi mgħoddija s-sistema tad-drenaġġ fl-inħawi ta' Triq Josef Kalleya, Triq il-Ġiżimin u Triq il-Mensija, fis-Swieqi?

23/04/2024

***	18744.	L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18371, peress li jidher li ż-żbir ta' dawn is-siġar fi Triq il-Marsa bejn il-Korsa tal-Golf u l-Għammieri waqaf, wisq probabbli minħabba l-maltemp, jista' l-Ministru jara li dan jitkompla u l-periklu jitneħħa għal kollox?

23/04/2024

***	18745.	L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT	staqsa lill-**
Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-rapport jew rakkomandazzjonijiet li kienu saru mill-Kummissjoni li kienet tħabbret li twaqqfet lura f'April 2014, biex tirrakkomanda tibdil fil-mod kif il-Qrati jaġġudikaw kumpens għal danni inkluż danni morali, immexxija mill-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament u l-membri li d-dettalji tagħhom ukoll qed jingħataw separatament?

23/04/2024

***	18746.	L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Ftehim Kollettiv tal-impjegati ta' Transport Malta?

23/04/2024

***	18755.	L-ONOR. IAN VASSALLO	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Jista' l-Ministru jagħti lista ta' opzjonijiet bħal linji sofor, kaxxi sofor, eċċ. li jistgħu jsiru biex quddiem bieb ta' garaxx (li jintuża għal użu personali biex tiddaħħal karozza) ma jipparkjawx karozzi illegalment?

23/04/2024

***	18756.	L-ONOR. IAN VASSALLO	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Jista' l-Ministru jagħti time frame tax-xogħlijiet li se jsiru fi Triq Vjal il-Ħaddiem, fir-Rabat, Malta?

23/04/2024

***	18757.	L-ONOR. IAN VASSALLO	staqsa lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18129 u jgħid kemm-il psikjatra u psikologu rriżenja mis-settur pubbliku matul dawn l-aħħar għaxar snin, maqsuma sena b'sena?

23/04/2024

***	18758.	L-ONOR. IAN VASSALLO	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18488 dwar il-petizzjoni 'Diskussjoni għal sistema ta' Traffic Management aħjar fi Triq Sir Temi Zammit, l-Imġarr', jista' l-Ministru jgħid min kienu l-istakeholders li ltaqa' magħhom il-Ministeru?

23/04/2024

***	18760.	L-ONOR. GRAZIELLA GALEA	staqsiet lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18210, jista' l-Ministru jgħid x'kienu r-rakkomandazzjonijiet li ngħataw fir-rapport tal-Fact Finding Board li nħatar sabiex jara s-sitwazzjoni fl-Iskola Guardian Angel? Jista' jgħid ukoll x'azzjonijiet ittieħdu u x'azzjonijiet se jkunu qegħdin jittieħdu?

23/04/2024

***	18761.	L-ONOR. GRAZIELLA GALEA	staqsiet lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18211, jista' l-Ministru jgħid xi programm alternattiv ingħataw l-istudenti tal-Iskola Guardian Angel? Jista' jgħid ukoll jekk dan il-programm hux qiegħed jingħata fl-Iskola Guardian Angel? Jekk le, fejn qed jingħata dan il-programm?

23/04/2024

***        18768.        L-ONOR. EVE BORG BONELLO        staqsiet lill-**
Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-koordinatur tal-komunikazzjoni tal-Ministeru tiegħu?

24/04/2024

***        18769.        L-ONOR. EVE BORG BONELLO        staqsiet lill-**
Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-koordinatur tal-komunikazzjoni tal-Ministeru tiegħu?

24/04/2024

***        18770.        L-ONOR. EVE BORG BONELLO        staqsiet lill-**
Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat

Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-koordinatur tal-komunikazzjoni tal-Ministeru tagħha?

24/04/2024

***        18771.        L-ONOR. EVE BORG BONELLO        staqsiet lill-**
Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-koordinatur tal-komunikazzjoni tal-Ministeru tiegħu?

24/04/2024

***        18772.        L-ONOR. EVE BORG BONELLO        staqsiet lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-koordinatur tal-komunikazzjoni tal-Ministeru tiegħu?

24/04/2024

***        18773.        L-ONOR. EVE BORG BONELLO        staqsiet lill-**
Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-koordinatur tal-komunikazzjoni tal-Ministeru tiegħu?

24/04/2024

***        18794.        L-ONOR. GRAZIELLA GALEA        staqsiet lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18359 dwar xogħlijiet f'San Pawl tat-Tarġa, tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u għaldaqstant tgħid meta hu ppjanat li jitlesta dan ix-xogħol, inkluż l-asfalt?

24/04/2024

*    18795.    **L-ONOR. GRAZIELLA GALEA**    **staqsiet lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

Tista' l-Ministru tgħid meta ser jibda x-xogħol mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fi Triq Burmarrad (it-triq li tagħti minn Triq il-Witja/Triq Toni Camilleri għal Triq is-Salina) wara li hawnhekk sar xi xogħol mill-Enemalta? Tista' tgħid ukoll meta hu ppjanat li jitlesta dan ix-xogħol mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma?

24/04/2024

*    18801.    **L-ONOR. IVAN BARTOLO**    **staqsa lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid ma' liema sptarijiet privati hemm ftehim biex isiru operazzjonijiet imħallsa mill-Gvern?

24/04/2024

*    18802.    **L-ONOR. GRAZIELLA GALEA**    **staqsiet lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol

Jista' l-Ministru jinforma kemm-il serqa ġiet irrapportata matul is-sena 2020, 2021, 2022, 2023 u 2024, separatament għal kull sena, fil-lokalità tan-Naxxar? Jista' l-Ministru jaqsam din l-informazzjoni skont is-serq minn fejn sar, pereżempju minn residenza, karozza, fuq persuni, eċċ.?

24/04/2024

*    18827.    **L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG**    **staqsa lill-**
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Jista' l-Ministru jagħti l-lista ta' tobba magħżula għall-panel mediku mill-2013 sad-data li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

25/04/2024

*    18828.    **L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG**    **staqsa lill-**
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-proċedura li biha jiġi magħżul bord mediku fil-każijiet ta' applikazzjoni għal 'severe disability assistance'?

25/04/2024

*    18829.    **L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG**    **staqsa lill-**
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Jista' l- Ministru jgħid fuq liema kriteriji jintgħażlu t-tobba tal-panel mediku?

25/04/2024

*    18847.    **L-ONOR. ADRIAN DELIA**    **staqsa lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid x'jiġri mill-materjal meta jinqalgħu tankijiet tal-asbestos minn fuq il-bjut ta' residenzi privati?

25/04/2024

***	18848.	L-ONOR. ADRIAN DELIA	staqsa lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid xi proċeduri jintużaw biex jintremew it-tankijiet tal-asbestos?

25/04/2024

***	18849.	L-ONOR. ADRIAN DELIA	staqsa lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid fejn jintremew it-tankijiet tal-asbestos meta dawn jinqalgħu minn fuq bjut ta' residenzi privati?

25/04/2024

***	18850.	L-ONOR. ADRIAN DELIA	staqsa lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati każijiet ta' kanċer li rriżultaw mill-asbestos f'dawn l-aħħar ħmistax-il sena?

25/04/2024

***	18851.	L-ONOR. ADRIAN DELIA	staqsa lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid jekk każijiet ta' kanċer li jirriżultaw minn asbestos żdidux f'dawn l-aħħar ħames snin?

25/04/2024

***	18852.	L-ONOR. ADRIAN DELIA	staqsa lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid jekk matul is-snin kienx hemm xi forma ta' studju biex isir magħruf jekk kienx hemm relazzjoni bejn il-marda tal-kanċer u l-asbestos?

25/04/2024

***	18866.	L-ONOR. IVAN BARTOLO	staqsa lill-**
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Jista' l-Ministru jgħid liema kienu l-ispeċjalizzazzjoni tat-tobba fuq il-Bord Mediku tad-diżabilità?

26/04/2024

***	18867.	L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI	staqsiet lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex qed jiġi kkunsidrat tibdil fil-ħinijiet tal-viżitaturi tal-Faċilità San Vinċenz de Paule? Jekk iva, jista' jgħid x'inhuma l-ħinijiet il-ġodda u meta se jsir dan it-tibdil?

26/04/2024

***	18868.	L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI	staqsiet lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-massimu ta' ħrieqi li anzjani huma ntitolati fil-ġurnata? Jista' jgħid ukoll x'inhi l-proċedura sabiex anzjan/a tkun intitolata għall-aktar ħrieqi skont in-neċessità u l-bżonnijiet tagħha?

26/04/2024

***	18869.	L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI	staqsiet lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid min huma l-entitajiet li jipprovdu l-ikel lir-residenti fil-Faċilità San Vinċenz de Paule? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratti relattivi u jgħid ukoll kemm hu l-valur ta' kull kuntratt u t-terminu tiegħu?

26/04/2024

***	18870.	L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI	staqsiet lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

B'referenza għat-tender CT2369/2023 (to demolish, design, build, maintain, upkeep and the management and operations of Cospicua Care Home for Older Persons including High Energy and Environmental Performance Standards), jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kriterji sabiex persuna/entità tkun tista' tapplika? Jista' jgħid x'inhuma s-snin ta' esperjenza li l-operatur/applikant huwa meħtieġ li jkollu fis-settur sabiex ikun jista' japplika? Jista' jgħid ukoll jekk applikant iridx ikun ilu jopera dar tal-anzjani li jkollha 'l fuq minn numru ta' sodod? Jekk iva, jista' jgħid x'inhu n-numru ta' sodod rikjest?

26/04/2024

***	18871.	L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI	staqsiet lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-persentaġġ tat-tnaqqis mid-dħul tal-anzjani li jidħlu fid-djar tal-anzjani tal-Gvern jew fi djar oħra li magħhom il-Gvern għandu ftehim għal xiri ta' sodod taħt l-iskema ta' Sħubija Pubblika-Privata mhuwiex ugwali għal kull anzjan imma jiddependi jekk dawn jidħlux min-naħa tad-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità (AAKK) jew mid-Dipartiment tas-Saħħa? Jista' jgħid jekk hux qed issir inġustizzja mal-anzjani li mhux qed jiġu ttrattati l-istess?

26/04/2024

***	18872.	L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI	staqsiet lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma s-servizzi kollha li l-anzjani huma ntitolati għalihom meta dawn jidħlu fid-djar tal-anzjani tal-Gvern jew fi djar oħra li magħhom il-Gvern għandu ftehim għal xiri ta' sodod taħt l-iskema ta' Sħubija Pubblika-Privata? Jista' jgħid ukoll jekk dawn is-servizzi jingħatawx lil kull anzjan indipendentement jekk jidħlux mid-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità (AAKK) jew mid-Dipartment tas-Saħħa?

26/04/2024

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

1. Abbozz Nru 96 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji – Tieni Qari (Kont.) – Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi

2. Abbozz Nru 95 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta – Tieni Qari – Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi

3. Abbozz Nru 91 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta – Tieni Qari – Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ

4. Abbozz Nru 66 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

5. Abbozz Nru 67 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

6. Abbozz Nru 64 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

7. Abbozz Nru 82 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

8. Abbozz Nru 17 – Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra bi rwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

9. Abbozz Nru 18 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

10. Abbozz Nru 19 – Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

11. Abbozz Nru 23 – Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku – Tieni Qari – Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol

12. Abbozz Nru 94 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika – Tieni Qari – Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u Djalogu Soċjali

13. Abbozz Nru 90 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent – Tielet Qari – Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

14. Abbozz Nru 79 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali – Tielet Qari – Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**29 ta' April 2024**

## KUMITATI TAL-KAMRA

## KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-KONTIJIET PUBBLIĊI

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi se jiltaqa' nhar **it-Tlieta, 30 ta' April 2024, fis-2.00 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament, il-Belt, b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti; u
2. Diskussjoni dwar in-nefqa tal-Gvern fil-qasam tal-isport f'dawn l-aħħar ħames snin – Introduzzjoni mill-Awditur Ġenerali.

## KUMITAT PERMANENTI GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI

Il-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi se jiltaqa' nhar it-**Tlieta, 30 ta' April, 2024 fis-2.00 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament, il-Belt, b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti; u
2. Abbozz Nru 87 – Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati – Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli – (Kont.)

Abbozz Nru 3 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja – Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza
Abbozz Nru 89 – Abbozz ta' Liġi fuq Azzjoni dwar il-Klima – Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**29 ta' April 2024**